# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 350.10

## KODIĊI DWAR L-UŻU TAJJEB TA' L-ILSIEN MALTI FIL-MEZZI TAX-XANDIR

26 ta' Marzu, 2010

*L-AVVIŻ LEGALI 180 tal-2010.*

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti dwar il-Kodiċi tax-Xandir dwar l-Użu Tajjeb tal-Ilsien Malti fil-Mezzi tax-Xandir.

Titolu.

Kodiċi dwar l-Użu Tajjeb tal-Ilsien Malti fil-Mezzi tax-Xandir

**2.** It-titolu ta' dan il-kodiċi hu Kodiċi dwar l-Użu Tajjeb tal-Ilsien Malti fil-Mezzi tax-Xandir.

Titolu tal-Kodiċi.

**3.** Ix-xandara għandu jkollhom id-dmir li jużaw l-ilsien Malti sew billi:

Dmirijiet li għandhom ix-xandara.

(*a*) jifhmu r-responsabbiltà tagħhom li jħarsu l-ilsien Malti;

(*b*) jimxu ma' kull żvilupp li jseħħ fl-ilsien Malti, sew jekk mitħaddet sew jekk miktub, b'mod speċjali fil-każ tal-ġurnalisti;

(*ċ*) jiżguraw li jsiru traduzzjonijiet u adattamenti xierqa bażati fuq il-prinċipji fundamentali tat-traduzzjoni;

(*d*) jgħinu persuni li jieħdu sehem f'xi programm kif ukoll iwaqqfu parteċipanti li ma jagħmlux użu tajjeb mill-ilsien Malti;

(*e*) jgħassu sew programmi għall-użu tajjeb tal-ilsien Malti, b'mod speċjali programmi edukattivi, informattivi jew tat-tfal;

(*f*) jiżguraw li l-Malti jitħaddem sew f'dawk li huma dizzjoni, semantika, grammatika, sintassi, morfoloġija u kontenut;

(*g*) ikunu jafu jħaddmu sew kull aspett tal-ilsien Malti biex dak li jingħad juri għaqda, sħuħija u jkun jinftiehem sew;

(*h*) jużaw b'għaqal kull neoloġiżmu li jidħol fl-ilsien Malti u, fejn possibbli, jagħmlu dan skont il-morfoloġija tal-ilsien Malti;

(*i*) jużaw tajjeb l-ilsien Malti mingħajr ma jirrikorru għall-arkaiżmi; u

(*j*) jażaw kliem kemm jista' jkun ċar u li jinftiehem sew.

**4.** Hi r-responsabbiltà ta' kull stazzjon tax-xandir li jxandar programmi bl-ilsien Malti li:

Responsabbiltà tal-istazzjonijiet.

(*a*) ikollu l-konsulent tiegħu li jkollu grad fl-ilsien Malti minn Università rikonoxxuta jew li jkun rikonoxxut mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti bħala persuna li jkollha tagħrif u esperjenza biżżejjed fl-użu tal-

ilsien Malti. Dan il-konsulent għandu f'kull każ jiġi approvat mill-Awtorità tax-Xandir;

(*b*) isegwi r-regoli u d-direttivi li joħorġu mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti f'dak li hu t-tħaddim tal-ilsien Malti;

(*ċ*) juża' l-ilsien Malti sew f'kull xandira bil-Malti;

(*d*) josserva kull kundizzjoni li jkun hemm fil-liċenza tax-xandir u li tkun teħtieġ li l-ilsien Malti jitħaddem b'mod xieraq; u

(*e*) ixandar mill-anqas programm wieħed f'perijodu ta' tliet xhur konsekuttivi biex iġib 'il quddiem l-ilsien Malti. L-istazzjon għandu jinforma lill-Awtorità tax-Xandir bid-data u l-ħin ta' dik ix-xandira u għandu jagħti lill-Awtorità tax-Xandir kopja elettronika tax-xandira mhux aktar tard minn sebat ijiem qabel ma ssir ix-xandira. Dan il-programm m'għandux ikun iqsar minn nofs siegħa iżda jista' wkoll jixxandar f'għadd ta' segmenti f'diversi programmi, u dawk is-segmenti fit-totalità tagħhom m'għandhomx ikunu iqsar minn nofs siegħa.

Responsabbiltà tal-Awtorità tax-Xandir.

**5.** Hi r-responabbiltà tal-Awtorità tax-Xandir li:

(*a*) tiżgura li l-istazzjonijiet u x-xandara jimxu mal-obbligi tagħhom skont dan il-Kodiċi u r-regoli u l-linji gwida għall-ħarsien u l-użu tajjeb tal-ilsien Malti;

(*b*) tinforza r-regoli f'dan il-Kodiċi b'mod sistematiku, regolari u konsistenti;

(*ċ*) tippubbliċizza l-politika tagħha dwar l-ilsien nazzjonali;

(*d*) minn żmien għal żmien tħejji u tippubblika rapporti fuq il-qagħda tal-ilsien Malti fil-mezzi tax-xandir;

(*e*) tassisti għaqdiet rappreżentattivi fil-qasam tax-xandir sabiex jilħqu l-għan tagħhom li jirregolaw lilhom infushom fejn tidħol il-lingwa; u

(*f*) tqabbad persuni għal skopijiet ta' sorveljanza, u biex jiżguraw li dawn il-persuni jkollhom livell għoli ta' għarfien tal-ilsien Malti.

Proċeduri applikabbli.

**6.** Ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti ma għandha tħassar xi proċedura applikabbli sew bil-miktub sew bil-fomm, li setgħet saret mill-Awtorità tax-Xandir qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Kodiċi.